Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

30 ta' Ġunju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 543/2008 — Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Standards għall-kummerċjalizzazzjoni — Laħam frisk tat-tjur ippakkjat minn qabel — Obbligu li jiġi indikat il-prezz totali u l-prezz skont l-unità tal-piż fuq l-ippakkjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla ma' dan tal-aħħar — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 16 — Libertà ta' intrapriża — Proporzjonalità — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE — Nondiskriminazzjoni"

Fil-Kawża C-134/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sächsisches Oberverwaltungsgericht (qorti amministrattiva superjuri tal-Land ta' Sachsen, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Marzu 2015, fil-proċedura

**Lidl GmbH & Co. KG**

vs

**Freistaat Sachsen,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, C. Toader (Relatur), A. Rosas, A. Prechal u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Jannar 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Lidl GmbH & Co. KG, minn A. Pitzer u M. Grube, avukati,

— għall-Freistaat Sachsen, minn I. Gruhne, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Schima u K. Skelly, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, tas-16 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU L 157, p. 46).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Lidl GmbH & Co. KG, impriża ta' bejgħ bl-imnut, u l-Freistaat Sachsen (Land ta' Sachsen, il-Ġermanja) fir-rigward tal-obbligu stabbilit minn din id-dispożizzjoni, matul il-bejgħ bl-imnut ta' laħam frisk tat-tjur ippakkjat minn qabel, li jiġi indikat il-prezz totali u l-prezz skont l-unità tal-piż fuq l-ippakkjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla ma' dan tal-aħħar (iktar 'il quddiem l-"l-obbligu ta' ttikkettjar").

## Il-kuntest legali

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 39 TFUE jiddeskrivi l-għanijiet tal-politika agrikola komuni. Skont l-Artikolu 41(b) TFUE, sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-objettivi, jistgħu jiġu pprovduti partikolarment azzjonijiet komuni għall-iżvilupp tal-konsum ta' ċerti prodotti.

4 L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75, tad-29 ta' Ottubru 1975, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU L 282, p. 77), kien jipprovdi li setgħu jittieħdu miżuri Komunitarji intiżi b'mod partikolari biex jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti jew biex itejbu l-kwalità. Ir-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni setgħu b'mod partikolari jirrigwardaw l-ippakkjar, il-preżentazzjoni u l-ittikkettjar.

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90, tas-26 ta' Ġunju 1990, dwar l-istandards tal-marketing għal-laħam tat-tjur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 10, p. 92), stabbilixxa regoli partikolari fil-qasam tat-tikkettjar, fosthom l-obbligu li jintwera fuq l-ippakkjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla ma' dan tal-aħħar il-prezz totali u l-prezz għal kull unità ta' piż, applikabbli għall-bejgħ bl-imnut tal-laħam frisk tat-tjur ippakkjat minn qabel.

6 It-tieni premessa ta' dan ir-regolament kienet tipprovdi:

"Billi dawn in-normi jistgħu jikkontribwixxu biex itejbu l-kwalità tal-laħam tat-tjur u, konsegwentement, jiffaċilitaw il-bejgħ ta' dan il-laħam; billi huwa għalhekk fl-interess tal-produtturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li l-istandards tal-marketing għandhom ikunu applikati għal-laħam tat-tjur addattat għall-konsum mill-bniedem."

7 Skont l-Artikolu 5(3)(b) tar-regolament imsemmi:

"Fil-każ ta' laħam tat-tjur pakkettjati bil-quddiem, id-dettalji segwenti għandhom jidhru wkoll fuq l-ippakkettjar bil-quddiem jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu:

[…]

b) fil-każ ta' laħam tat-tjur frisk, il-prezz totali u l-prezz skond il-piż fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut."

8 Ir-Regolament Nru 2777/75 tħassar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (iktar 'il quddiem ir-"Regolament "OKS uniku") (ĠU L 299, p. 1). Dan tal-aħħar jiġbor f'kuntest uniku l-21 organizzazzjoni komuni ta' swieq li jkopru diversi prodotti jew gruppi ta' prodotti. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 7 tiegħu, "[i]s-simplifikazzjoni" li joħloq "m'għandhiex twassal għal dubji dwar deċiżjonijiet politiċi li ttieħdu matul is-snin fil- [Politika Agrikola Komuni]". Il-premessa 10 tiegħu tenfasizza l-għan li jiġu stabbilizzati s-swieq u jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola permezz ta' diversi strumenti ta' intervent, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' kull wieħed minn dawn is-setturi u tal-interdipendenzi bejn dawn tal-aħħar.

9 Fir-rigward tal-laħam tat-tjur, l-Artikolu 121(e)(iv) tar-Regolament Nru 1234/2007 (3) jawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi "r-regoli dwar indikazzjonijiet ulterjuri li għandhom jintwerew f'dokumenti kummerċjali akkumpanjanti, l-ittikkettjar, il-preżentazzjoni u l-ippubbliċċizzar ta' laħam tat-tjur intiż għall-konsumatur finali u l-isem li taħtu huwa mibjugħ il-prodott fit-tifsira tal-punt (1) ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/13/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel (ĠU L 109, p. 29]".

10 Skont il-premessi 1 sa 3 tar-Regolament Nru 543/2008, sa fejn "[ċ]erti dispożizzjonijiet u obbligi previsti mir-Regolament (KEE) Nru 1906/90 ma ġewx inkorporati fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007" ġew adottati dispożizzjonijiet xierqa fil-kuntest tar-Regolament Nru 543/2008 "li jippermett[u] l-kontinwità u t-tħaddim tajjeb ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq u b'mod partikolari l-istandards tat-tqegħid fis-suq".

11 Il-premessa 10 tar-Regolament Nru 543/2008 hija redatta kif ġej:

"Sabiex il-konsumatur jingħata informazzjoni xierqa, ċara u oġġettiva dwar il-prodotti maħruġa għall-bejgħ u sabiex tiġi assigurata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawn ta' l-aħħar fil-Komunità, jeħtieġ li jiġi żgurat li n-normi tat-tqegħid fis-suq tat-tjur iqisu kemm jista' jkun id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/211/KEE tal-Kunsill ta' l-20 ta' Jannar 1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodtti b'imballaġġ minn qabel [(ĠU L 46, p. 1)]."

12 Il-kliem tal-Artikolu 5(4)(b) ta' dan ir-regolament huwa identiku għall-Artikolu 5(3)(b) tar-Regolament Nru 1906/90.

13 Għalkemm ir-Regolament Nru 1234/2007 kien, min-naħa tiegħu, imħassar bir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 641), id-dispożizzjonijiet tiegħu li jikkonċernaw ir-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur jibqgħu japplikaw sad-data tal-implementazzjoni tar-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni korrispondenti ffissati permezz tal-atti delegati, konformement mal-Artikolu 230(1)(c) tar-Regolament Nru 1308/2013.

*Il-liġi Ġermaniża*

14 L-Artikolu 3(2)(6) tal-Verordnung über Vermarktungsnormen für Geflügelfleisch (leġiżlazzjoni li tistabbilixxi regoli ta' kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tat-tjur), tat-22 ta' Marzu 2013 (BGBl. 2013 I, p. 624), jipprovdi:

"Huwa pprojbit [...] li jinżamm bil-għan li jinbiegħ, li jiġi espost, li jiġi kkunsinnat, li jinbiegħ jew li jitqiegħed fis-suq b'xi mod ieħor laħam tat-tjur mingħajr ma jingħataw l-indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(4) tar-[Regolament Nru 543/2008] b'mod komplet u korrett."

15 Skont l-Artikolu 9(3)(1) ta' dan ir-regolament:

"Jaġixxi illegalment fis-sens tal-Artikolu 7(1)(3) tal-Handelsklassengesetz (liġi dwar ir-regoli tal-kummerċjabbiltà) kull min iżomm bil-għan li jbiegħ, jipproponi għall-bejgħ, jesponi, jikkunsinna, jbigħ jew b'xi mod ieħor ipoġġi fis-suq karkassa tat-tjur, laħam tat-tjur jew parti minn tajra bi ksur tal-Artikolu 3 ta' [din] il-liġi."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 Lidl hija impriża tal-bejgħ bl-imnut bi stabbilimenti li joffru prodotti tal-ikel bi prezz imraħħas fil-Ġermanja kollha. F'xi wħud mill-istabbilimenti tagħha fir-reġjun ta' Lamperswalde, din toffri b'mod partikolari għall-bejgħ laħam tat-tjur frisk ippakkjat minn qabel. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, il-prezz ta' dan il-prodott ma jidhirx direttament fuq il-pakkett tiegħu jew fuq tikketta mwaħħla ma' dan tal-aħħar, iżda huwa indikat permezz ta' tikketti mwaħħla mal-ixkaffar.

17 Is-Sächsische Landesanstalt für Landwirtschaft (uffiċċju tal-agrikoltura tal-Land ta' Sachsen, il-Ġermanja), li sar is-Sächsisches Landesamt für Umwelt, Landwirtschaft und Geologie (uffiċċju tal-ambjent, tal-agrikoltura u tal-ġeoloġija tal-Land ta' Sachsen, il-Ġermanja), ikkonstata din il-prattika fil-qasam tal-wiri tal-prezzijiet fl-okkażjoni ta' diversi kontrolli. Dan qies li din kienet qiegħda tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(3)(b) tar-Regolament Nru 1906/90, applikabbli fid-data tal-kontrolli.

18 Fit-30 ta' April 2007, Lidl ippreżentat quddiem il-Verwaltungsgericht Dresden (qorti amministrattiva ta' Dresden, il-Ġermanja) talba għall-konstatazzjoni ta' legalità intiża biex jiġi stabbilit li l-prattika tagħha fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prezzijiet ma kinitx tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008, li l-kontenut tiegħu huwa identiku għal dak tal-Artikolu 5(3)(b) tar-Regolament Nru 1906/90. Essenzjalment, din sostniet li dawn id-dispożizzjonijiet huma "ineffettivi", għaliex iwasslu għal ksur sproporzjonat għall-eżerċizzju tal-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 15(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) TUE.

19 B'sentenza tal-10 ta' Novembru 2010, il-Verwaltungsgericht Dresden (qorti amministrattiva ta' Dresden) ċaħdet din it-talba fil-mertu.

20 Lidl appellat minn din is-sentenza quddiem is-Sächsisches Oberverwaltungsgericht (qorti amministrattiva superjuri tal-Land ta' Sachsen, il-Ġermanja). Din il-qorti qieset li l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 japplika għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u li s-soluzzjoni tat-tilwima li għandha quddiemha tiddependi mill-validità ta' din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, din tesprimi dubji fir-rigward tal-validità tagħha fid-dawl tal-Artikolu 15(1) u tal-Artikolu 16 tal-Karta kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE.

21 Skont il-qorti tar-rinviju, l-obbligu ta' ttikkettjar ma jiksirx b'mod sproporzjonat u inammissibbli l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika u l-libertà ta' impriża tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, peress li s-sustanza ta' dawn id-drittijiet u ta' dawn il-libertajiet hija ppreżervata. Fil-fatt, il-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam tat-tjur ippakkjat minn qabel ma hijiex ipprojbita mill-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008, li fih dispożizzjonijiet relattivi għall-indikazzjoni tal-prezz ta' dawn il-prodotti. Barra minn hekk, dan l-obbligu jissodisfa l-għan ta' interess ġenerali ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

22 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tiddubita li l-obbligu ta' ttikkettjar li jirriżulta minn din id-dispożizzjoni huwa proporzjonat, peress li, minn naħa, dan ma huwiex stabbilit għal prodotti oħra ppakkjati minn qabel, bħal-laħam taċ-ċanga, tal-majjal, tan-nagħaġ u tal-mogħoż, u peress li, min-naħa l-oħra, dan jinvolvi oneri finanzjarji u organizzativi supplimentari, li jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

23 Fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi ruħha dwar in-natura ġustifikata tad-differenza fit-trattament bejn il-laħam tat-tjur frisk u l-laħam frisk l-ieħor intiż għall-konsum mill-bniedem, minħabba n-nuqqas ta' obbligu paragunabbli fil-qasam tat-tikkettjar għal dawn tal-aħħar.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sächsisches Oberverwaltungsgericht (qorti amministrattiva superjuri tal-Land ta' Sachsen) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament [...] Nru 543/2008 huwa kompatibbli mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikolu 15(1) u mal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

2) L-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 huwa kompatibbli mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

25 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008, li jistabbilixxi l-obbligu tat-tikkettjar, huwiex validu fir-rigward tal-Artikolu 15(1) u tal-Artikolu 16 tal-Karta.

26 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li għalkemm, ċertament, il-qorti tar-rinviju u l-partijiet fil-kawża prinċipali jqisu li l-validità tal-obbligu ta' ttikkettjar għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 15(1) u tal-Artikolu 16 tal-Karta, relattivi, wieħed, għall-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol u, l-ieħor, għal-libertà ta' intrapriża, madankollu għandu jiġi rrilevat li l-obbligu ta' ttikkettjar ma jillimitax il-fakultà tal-persuna "li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament", fis-sens tal-Artikolu 15 tal-Karta. Min-naħa l-oħra, dan jista' jirrestrinġi l-libertà ta' impriża rrikonoxxut mill-Artikolu 16 tal-Karta.

27 Id-dritt għal-libertà ta' intrapriża jinkludi b'mod partikolari d-dritt, għal kull impriża, li tkun tista' tiddisponi liberament, fil-limiti tar-responsabbiltà li tinkorri għall-atti tagħha stess, mir-riżorsi ekonomiċi, tekniċi u finanzjarji li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha (sentenza tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien, C-314/12, EU:C:2014:192, punt 49).

28 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 16 tal-Karta tinkludi l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà kuntrattwali u l-kompetizzjoni libera, hekk kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet relatati mal-istess artikolu, li għandhom, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikoli 6(1) TUE u 52(7) tal-Karta, jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni tagħha (sentenzi tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 42 u tas-17 ta' Ottubru 2013, Schaible, C-101/12, EU:C:2013:661, punt 25).

29 L-obbligu ta' ttikkettjar, stabbilit fl-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008, jista' jillimita l-eżerċizzju ta' din il-libertà ta' intrapriża, peress li tali obbligu jpoġġi fuq id-destinatarju tagħha oneru li jillimita l-użu ħieles tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu, peress li jobbligah jadotta miżuri li jistgħu jirrappreżentaw spiża għalih u jkollhom impatt fuq l-organizzazzjoni tal-attivitajiet tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien, C-314/12, EU:C:2014:192, punt 50).

30 Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-libertà ta' intrapriża ma hijiex dritt assolut, iżda għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-funzjoni tagħha fis-soċjetà (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Deutsches Weintor, C-544/10, EU:C:2012:526, punt 54, kif ukoll tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Konsegwentement, jistgħu jiġu imposti limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' din il-libertà, bil-kundizzjoni li, konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, minn naħa, ikunu stabbiliti mil-liġi u josservaw il-kontenut essenzjali tal-libertà msemmija u, min-naħa l-oħra, b'mod konsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu neċessarji u ġenwinament jissodisfaw l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea jew il-ħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' oħrajn.

32 Filwaqt li tirrileva li l-obbligu ta' ttikkettjar, bħala limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt stabbilit mill-Artikolu 16 tal-Karta, huwa previst mil-liġi, u filwaqt li tikkunsidra li l-obbligu msemmi jirrispetta l-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt u jissodisfa effettivament l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni, jiġifieri l-protezzjoni tal-konsumaturi, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji fuq in-natura proporzjonali ta' tali miżura.

33 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, peress li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti (ara s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et*, C-189/01, EU:C:2001:420, punt 81, kif ukoll tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 50).

34 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li l-libertà ta' intrapriża tista' tkun suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi mill-amministrazzjoni pubblika li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limiti għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika (sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 46).

35 F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni, hekk kif jirriżulta mit-tieni premessa tar-Regolament Nru 1906/90, ir-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur jikkontribwixxu biex itejbu l-kwalità ta' dan il-laħam u biex jiffaċilitaw il-bejgħ tiegħu, fl-interess tal-produtturi, tal-operaturi u tal-konsumaturi. Barra minn hekk, ir-raba' premessa ta' dan ir-regolament tenfasizza l-interess li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni iktar kompluta b'mod partikolari fuq it-tikkettjar, ir-reklamar, il-kontenut tal-indikazzjonijiet li jikkonċernaw il-metodu ta' refriġerazzjoni użata u t-tip ta' tkabbir li kellu t-tjur.

36 Dawn l-għanijiet huma riprodotti fir-Regolament Nru 543/2008 li fil-premessa 10 tiegħu tenfasizza l-ħtieġa li tiġi offruta lill-konsumatur informazzjoni suffiċjenti, ċara u oġġettiva dwar dawk il-prodotti maħruġa għall-bejgħ.

37 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-għajnijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni huma intiżi kemm għat-titjib fid-dħul tal-produtturi u tal-operaturi attivi fis-settur tal-laħam tat-tjur, inkluż tal-laħam tat-tjur frisk, kif ukoll għall-protezzjoni tal-konsumaturi, u jikkostitwixxu għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mid-dritt primarju tal-Unjoni.

38 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kapaċità tal-obbligu ta' ttikkettjar li jiżgura t-twettiq tal-għanijiet imfittxija, il-leġiżlatur seta' jqis li dan l-obbligu, minn naħa, jippermetti li jiġi żgurat l-għoti ta' informazzjoni affidabbli lill-konsumatur permezz tal-indikazzjoni li tidher fuq il-pakkett u, min-naħa l-oħra, huwa tali li jħeġġeġ lil dan jixtri l-laħam tat-tjur, liema ħaġa ttejjeb il-perspettivi tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dan il-prodott u konsegwentement, id-dħul tal-produtturi.

39 F'dak li jikkonċerna n-natura neċessarja ta' tali leġiżlazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' leġittimament jikkunsidra li leġiżlazzjoni li kienet tipprovdi biss għat-twaħħil tal-prezz fuq l-ixkaffar ma kinitx tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija b'mod daqshekk effettiv daqs l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008, peress li s-sempliċi indikazzjoni tal-prezz totali u tal-prezz għal kull unità ta' piż tippermetti, fil-każ ta' prodotti li l-unitajiet ta' ppakkjar tagħhom jista' ma jkollhomx l-istess piż, li tiġi żgurata informazzjoni suffiċjenti lill-konsumatur. Barra minn hekk, tali obbligu ma jidhirx eċċessiv meta mqabbel mal-għanijiet imfittxija, peress li l-indikazzjoni tal-prezz totali u skont l-unità tal-piż, stabbilit mill-Artikolu 5(4) tar-Regolament Nru 543/2008, huwa biss wieħed mill-informazzjoni li għandha tidher fuq l-ippakkjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla ma' dan tal-aħħar b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

40 Konsegwentement, l-indħil fuq il-libertà ta' intrapriża tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali huwa, f'dan il-każ, proporzjonat mal-għanijiet imfittxija.

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-eżami tal-ewwel domanda magħmula ma wera l-ebda fattur li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 fir-rigward tal-libertà ta' intrapriża, kif prevista mill-Artikolu 16 tal-Karta.

*Fuq it-tieni domanda*

42 Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008, huwiex validu fir-rigward tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE.

43 Din id-domanda saret minħabba l-fatt, espost mill-qorti tar-rinviju, li għal kategoriji oħra ta' laħam frisk intiż għall-konsum mill-bniedem, b'mod partikolari l-laħam taċ-ċanga, tal-majjal, tan-nagħaġ u tal-mogħoż, ma jeżistix obbligu simili fil-qasam tat-tikkettjar tal-prezz.

44 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u fil-qasam tal-agrikoltura huwa espress fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE (ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Agrargenossenschaft Neuzelle, C-545/11, EU:C:2013:169, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata). Mill-kliem tal-artikolu msemmi jirriżulta li din id-dispożizzjoni tipprekludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi u l-konsumaturi tal-Unjoni.

45 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan il-prinċipju japplika mhux biss għall-produtturi u għall-konsumaturi, iżda wkoll għall-kategoriji ta' operaturi ekonomiċi l-oħra suġġetti għal organizzazzjoni komuni tas-swieq, bħal dawk li jikkummerċjalizzaw laħam tat-tjur frisk jew tipi oħra ta' laħam frisk (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-280/93, EU:C:1994:367, punt 68).

46 Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2005, ABNA *et*, C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04, EU:C:2005:741, punt 63, kif ukoll tal-14 ta' Marzu 2013, Agrargenossenschaft Neuzelle, C-545/11, EU:C:2013:169, punt 42).

47 F'dak li jikkonċerna l-portata tal-istħarriġ tal-osservanza ta' dan il-prinċipju, għandu jitfakkar li fil-qasam tal-agrikoltura, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa. Konsegwentement, l-istħarriġ tal-qorti għandu jkun limitat għall-verifika ta' jekk il-miżura inkwistjoni hijiex ivvizzjata bi żball manifest jew b'abbuż ta' poter jew jekk l-awtorità inkwistjoni qabżitx, b'mod manifest, il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha (sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Agrargenossenschaft Neuzelle, C-545/11, EU:C:2013:169, punt 43).

48 F'dan il-każ, il-prodotti li fir-rigward tagħhom il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar in-natura nondiskriminatorja tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni jappartjenu għal setturi agrikoli differenti.

49 F'dan ir-rigward, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE jipprovdi għall-użu ta' mekkaniżmi differenti li jistgħu jintużaw biex jintlaħqu l-għanijiet iddefiniti fl-Artikolu 39 TFUE. Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mir-Regolament Nru 1234/2007, kull organizzazzjoni komuni tas-suq tinvolvi elementi speċifiċi li japplikaw għaliha biss. Minn dan jirriżulta li l-paragun tal-mekkaniżmi tekniċi użati għal-leġiżlazzjoni tas-setturi differenti tas-suq ma jistax jikkostitwixxi bażi valida biex jiġi stabbilit l-ilment ta' diskriminazzjoni bejn prodotti mhux simili, suġġetti għal regoli differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 1982, Lion *et*, 292/81 u 293/81, EU:C:1982:375, punt 24).

50 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-eżami tat-tieni domanda magħmula ma wera l-ebda fattur li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 fir-rigward tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE.

## Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-eżami tal-ewwel domanda preliminari ma wera ebda fattur li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, tas-16 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jirrigwarda l-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, fid-dawl tal-libertà ta' intrapriża, kif stabbilita mill-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

2) **L-eżami tat-tieni domanda preliminari ma żvela l-ebda element li jista' jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE.**

Firem